31999D0510

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tad-29 ta' April 1999
li tirrigwardja il-konklużjoni tal-Ftehim li jemenda l-Ftehim li għandu x'jaqsam ma' koperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja

(1999/510/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 130 m, f'għaqda ma' l-Artikolu 228(2), l-ewwel sentenza, u l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 228(3) miġjub fih,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

(1) Billi bid-Deċiżjoni tiegħu tas-27 ta' Ġunju 1994 [2], il-Kunsill approva l-konklużjoni tal-Ftehim li għandu x'jaqsam ma' koperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja;

(2) Billi bid-Deċiżjoni tiegħu ta' l-24 ta' Settembru 1998 il-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni biex jinnegozja biss emenda tal-Ftehim msemmi hawn fuq safejn l-oqsma għal koperazzjoni, msemmija skond l-Artikolu 4 ta' dak il-Ftehim, huma konċernati, bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 11(2)_ta' dak il-Ftehim;

(3) Billi bid-Deċiżjoni tad-29 ta' Marzu 1999 il-Kunsill awtorizza l-firma tal-Ftehim li jemenda;

(4) Billi dan il-Ftehim li jemenda għandu jiġi approvat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim li jemenda l-Ftehim li jirrigwardja il-koperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja huwa hawnhekk approvat.

It-test tal-Ftehim li jemenda huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Skond l-Artikolu 11 tal-Ftehim li għandu x'jaqsam mal-koperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja, il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika li l-proċeduri għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim li jemenda li huwa hawn mehmuż tlestew mill-parti tal-Komunita.

Magħmul fil-Lussemburgu, fid-29 ta' April 1999.

F'isem il-Kunsill

Il-President

W. MÜLLER

---

[1] Opinjoni mogħtija fl-14 ta' April 1999 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU L 188, tat-22.7.1994, p. 17.